# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 360/01mm**

**Environmental Management Design & Planning Limited**

**vs**

**Ivan Bartoli**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kapitali ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm284.05) dovuti lis-socjeta' attrici u rapprezentanti l-prezz ta'

servizzi moghtija lill-konvenut, u dan skond ma’ kif jidher minn kopja ta’ fattura annessa u immarkata dokument ittra “A”.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta’ l-Avviz, ta’ l-ittra nterpellatorja tad-19 ta’ Settembru, 2000, u ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Novembru, 2000, u debitament notifikata lill-konvenut (kopji annessi u immarkati bhala dokumenti ittri “B” u “C”), flimkien ma’ l-imghax dekorribbli mit-22 ta’ Marzu, 1999, sa’ d-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta’ Mejju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.